V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8548 — Ardian/GPS branch of Assystem Group)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 252/08)

1. Fl-24 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]), li permezz tagħha l-impriża Ardian France SA ("Ardian", Franza) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-fergħa ta' attivitajiet imsejħa "GPS" (Global Product Solutions), tal-grupp Assystem ("Assystem GPS", Franza) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Ardian: investiment privat fl-Ewropa, l-Amerka ta' Fuq u l-Asja. Ardian għandha ishma f'Fives, Serma u Trigo, kumpaniji attivi fis-settur tal-inġinerija, industrijali jew f'settur relatat.

— Assystem GPS: prodotti u servizzi tal-inġinerija wara l-iżvilupp fis-setturi tal-ajruspazju, tal-karozzi, tat-trasport u tal-industrija.

3. Wara eżami preliminari u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali tagħha dwar dan il-punt, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8548 — Ardian/GPS branch of Assystem Group, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").